



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 16.9.2011
K(2011) 6362 finali

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 16.9.2011

**dwar l-inizjattiva għall-iprogrammar konġunt fir-riċerka msejħa “Ibħra u Oċeani
b’Saħħithom u Produttivi”
(2011/UE)**

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 16.9.2011

dwar l-inizjattiva għall-iprogrammar konġunt fir-riċerka msejħa “Ibħra u Oċeani b’Saħħithom u Produttivi” (2011/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 181 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Ewropa għandha 89 000 km ta’ kosta¹ li jmissu ma’ żewġ oċeani u erba' ibħra, u r-reġjuni kostali tal-UE jikkostitwixxu madwar 40 % tal-PDG u tal-popolazzjoni tagħha², u jagħtu kontribuzzjoni kruċjali għal setturi ekonomiċi ewlenin bħat-trasport marittimu u l-kummerċ, il-bioekonomija tal-baħar, l-enerġija u t-turiżmu.
- (2) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-10 ta' Ottubru 2007 dwar "Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea"³, il-Kummissjoni tiddikjara li Politika Marittima Integrata ser iżżid il-kapaċità tal-Ewropa li tiffaċċa l-isfidi tal-globalizzazzjoni u tal-kompetittività, tat-tibdil fil-klima, tad-degradazzjoni tal-ambjent tal-baħar, tas-sikurezza u s-sigurtà marittima u tas-sigurtà u s-sostenibbiltà tal-enerġija. Tindika wkoll li politika bħal din għandha tkun ibbażata fuq l-aqwa prassi fir-riċerka, it-teknoloġija u l-innovazzjoni tal-baħar.
- (3) Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent marin [tal-baħar]⁴, li tapplika l-approċċ ibbażat fuq l-ekosistemi għall-ġestjoni tal-attivitajiet tal-bniedem, issegwi l-għan li jinkiseb jew jinżamm stat ambjentali tajjeb tal-ilmijiet tal-baħar, meta dawn jipprovdu oċeani u ibħra ekoloġikament diversi u dinamiċi li huma nodfa, b’saħħithom u produttivi. Dik id-Direttiva, li hija maħsuba biex twassal il-pilastru ambjentali tal-politika marittima tal-ġejjieni għall-Unjoni, tiddikjara li, fil-livell Komunitarju, l-appoġġ għar-riċerka assoċjata għandu jkun kontinwament imdaħħal fil-politiki tar-riċerka u tal-iżvilupp.

¹ "Implementing the habitats directive in marine and coastal areas" ("L-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-habitats fiż-żoni kostali u tal-baħar"), il-Kummissjoni Ewropea, 1998, ISBN: 92-828-4276-2.

² EUROSTAT - Statistics in focus ("Niffukaw fuq l-istatistika"), 38/2010, "Portrait of EU coastal regions" ("Stampa tar-reġjuni kostali tal-UE").

³ COM(2007) 574 finali.

⁴ ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19.

- (4) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 msejħa "Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv"⁵ tiddikjara li l-Unjoni għandha, b'mod partikulari, tiġbor il-kontribuzzjonijiet tal-Politiki Marittimi tal-UE biex tikseb il-miri tagħha għat-tnaqqis fl-emissjonijiet u għall-bijodiversità, biex tindirizza l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-prevenzjoni tad-diżastri u t-tweġiba għalihom, biex ir-riżorsi jibdeu jintużaw b'mod iżjed effiċjenti u biex tikkontribwixxi għat-titjib fis-sigurtà globali tal-ikel.
- (5) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Settembru 2008, imsejħa "Strateġija Ewropea għar-riċerka tal-baħar u dik marittima: qafas koerenti ta' Żona Ewropea ta' Riċerka b'appoġġ ta' użu sostenibbli tal-oċeani u l-ibħra"⁶, isegwi l-għan tal-ipprogrammar konġunt fir-riċerka tal-baħar u f'dik marittima, meta dan ikun iġġustifikat u appoġġat mill-Istati Membri kkonċernati u jkun skont il-prinċipji u l-mekkaniżmi stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni relatata tal-15 ta' Lulju 2008 msejħa "Lejn programmazzjoni konġunta [programmar konġunt] tar-riċerka: Naħdmu flimkien biex nindirizzaw l-isfidi komuni b'mod aktar effettiv"⁷.
- (6) Fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Mejju 2010, il-Kunsill dwar il-Kompetittività rrikonoxxa l-qasam tal-"Ibħra u l-Oċeani Sani [b'Saħħithom] u Produttivi" bħala qasam fejn l-ipprogrammar konġunt għandu jipprovdi valur miżjud kbir lill-isforzi frammentati attwali tal-Istati Membri fil-qasam tar-riċerka⁸. Għalhekk, dan il-Kunsill adotta konklużjonijiet li fihom għaraf il-ħtieġa li titnieda inizjattiva għall-ipprogrammar konġunt marbuta ma' dan is-suġġett u li fihom stieden lill-Kummissjoni tagħti kontribut fit-tnejn ta' din l-inizjattiva. Il-Kunsill ikkonferma mill-ġdid ukoll li l-ipprogrammar konġunt huwa proċess li jmxexx l-Istati Membri u li fih ir-rwol tal-Kummissjoni huwa li tiffaċilitah. L-analiżi tal-attivitajiet nazzjonali tar-riċerka spjegati fid-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tikkonferma li hemm bżonn ta' koordinazzjoni aħjar biex jiżdiedu l-effikaċja u l-impatt tar-riċerka, kif ukoll biex tiġi evitata d-duplikazzjoni, permezz tal-iżvilupp ta' aġenda strateġika komuni tar-riċerka.
- (7) Il-pajjiżi parteċipanti kkonfermaw li huma se jieħdu sehem fit-tali Inizjattiva għall-Ipprogrammar Konġunt billi bagħtu ittri formali ta' impenn.
- (8) L-ipprogrammar konġunt fir-riċerka dwar il-kwistjonijiet marittimi u tal-baħar għandu jipprovdi għall-koordinazzjoni tar-riċerka f'dak il-qasam, jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-bini ta' Żona Ewropea operattiva tar-Riċerka dwar l-ibħra u l-oċeani, jippermetti l-użu sostenibbli tar-riżorsi eżistenti tagħhom u ta' dawk li s'issa għadhom mhux sfruttati u jsaħħaħ it-tmexxija u l-kompetittività Ewropea tal-industriji marittimi, filwaqt li jipproteġi l-ambjent tal-baħar u jadatta għall-impatti tat-tibdil fil-klima.
- (9) Sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti minn din ir-Rakkomandazzjoni, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni sabiex jiġu esplorati l-inizjattivi possibbli li l-Kummissjoni tista' tieħu sabiex tgħin lill-Istati Membri jiżviluppaw u jimplimentaw l-aġenda strateġika tar-riċerka.

⁵ COM(2010) 2020.

⁶ COM(2008) 534.

⁷ COM(2008) 468.

⁸ 10246/10.

- (10) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw b'mod regolari lill-Kummissjoni dwar il-progress li jkun qed isir f'din l-inizjattiva għall-ipprogrammar konġunt,

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. L-Istati Membri huma mħeġġa jaggonaw, skont il-ħtieġa, il-viżjoni komuni tagħhom dwar kif il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fil-qasam tar-riċerka fil-livell tal-Unjoni jistgħu jikkontribwixxu biex tintlaħaq l-isfida li l-ibħra u l-oċeani jinżammu b'saħħithom u produttivi u biex l-opportunitajiet li joffru jiġu sfruttati kemm jista' jkun⁹.
2. L-Istati Membri huma mħeġġa jadottaw aġenda strateġika komuni tar-riċerka li tistabbilixxi l-bżonnijiet u l-għanijiet tar-riċerka fil-perjodu taż-żmien medju u fit-tul fil-qasam tar-riċerka dwar l-ibħra u l-oċeani. L-aġenda strateġika tar-riċerka għandha tinkludi pjan tal-implimentazzjoni li jstabbilixxi l-prijoritajiet u meta dawn għandhom jintlaħqu u li jispeċifika l-azzjonijiet, l-istrumenti u r-riżorsi meħtieġa biex din tiġi implimentata.
3. L-Istati Membri huma mħeġġa jinkludu l-azzjonijiet li ġejjin fl-aġenda strateġika tar-riċerka u fil-pjan tal-implimentazzjoni:
 - (a) it-tkomplija tal-identifikazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni dwar il-programmi, l-attivitajiet tar-riċerka u l-kapaċitajiet nazzjonali rilevanti;
 - (b) it-tisħiħ tal-eżerċizzju konġunt dwar il-previżjoni u tal-kapaċitajiet tal-valutazzjoni teknoloġika;
 - (c) l-iskambju tal-informazzjoni, tar-riżorsi, tal-aqwa prattiki, tal-metodoloġiji u tal-linji gwida;
 - (d) l-identifikazzjoni ta' oqsma jew ta' attivitajiet tar-riċerka li għandhom jibbenefikaw mill-koordinazzjoni jew, fejn ikun xieraq, mis-sejħiet adattati konġunti għall-proposti jew mill-ġbir flimkien tar-riżorsi;
 - (e) id-definizzjoni tal-modi li bihom għandha titwettaq ir-riċerka b'mod konġunt fl-oqsma msemmija fil-punt (d);
 - (f) il-qsim, fejn xieraq, ta' infrastrutturi eżistenti tar-riċerka, jew l-iżvilupp, b'mod ikkoordinat, ta' faċilitajiet ġodda bħal infrastrutturi għall-osservazzjoni tal-baħar kif ukoll l-iżvilupp ta' mudelli u applikazzjonijiet għall-bżonnijiet li jkunu ġew identifikati;
 - (g) it-tħeġġiġ ta' kollaborazzjoni mtejba bejn is-settur pubbliku u dak privat, kif ukoll ta' innovazzjoni miftuħa bejn attivitajiet differenti fil-qasam tar-riċerka u fis-setturi tan-negozju marbutin mal-osservazzjoni tal-baħar, mar-riżorsi tal-baħar u mal-attivitajiet marittimi;

⁹ <http://www.jpi-oceans.eu>.

- (h) il-promozzjoni ta' approċċi interdixxiplinarji u l-*istimulazzjoni ta' skambji u interazzjonijiet* bejn is-setturi marittimi u tal-baħar;
- (i) l-iżvilupp ta' xjenza / ta' interfaċċji politiċi adattati dwar kwistjonijiet rilevanti bħall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/56/KE u tal-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu bħal għan kruċjali tal-Komunikazzjoni dwar "Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea".
4. L-Istati Membri huma mħeġġa jstabilixxu struttura effiċjenti ta' ġestjoni komuni fil-qasam tar-riċerka dwar l-ibħra u l-oċeani, li jkollha s-setgħa tistabilixxi kundizzjonijiet, regoli u proċeduri komuni għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni u li jkollha s-setgħa timmonitorja l-implimentazzjoni tal-aġenda strateġika tar-riċerka.
5. L-Istati Membri huma mħeġġa jimplimentaw l-aġenda strateġika tar-riċerka b'mod konġunt, fosthom permezz tal-programmi nazzjonali tar-riċerka tagħhom jew ta' attivitajiet nazzjonali oħrajn tar-riċerka, skont il-linji gwida tal-Kundizzjonijiet ta' Qafas għall-Ipprogrammar Konġunt żviluppati mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Ipprogrammar Konġunt tal-Kunsill¹⁰.
6. L-Istati Membri huma mħeġġa jikkooperaw mal-Kummissjoni bil-għan li jiġu esplorati inizjattivi possibbli sabiex l-Istati Membri jiġu megħjuna jiżviluppaw u jimplimentaw l-aġenda strateġika tar-riċerka, u bil-għan li l-programm konġunt jiġi kkoordinat mal-inizjattivi l-oħra tal-Unjoni f'dan il-qasam, b'mod partikulari man-Netwerks marittimi u tal-baħar taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u mal-Programm Konġunt għar-Riċerka u l-Iżvilupp tal-Baħar Baltiku ("Joint Baltic Sea Research and Development Programme" – BONUS).
7. L-Istati Membri huma mħeġġa jirrapportaw b'mod regolari lill-Kummissjoni dwar il-progress li jkun qed isir f'din l-inizjattiva għall-ipprogrammar konġunt permezz ta' rapporti annwali dwar il-progress.

Magħmula fi Brussel, 16.9.2011

*Għall-Kummissjoni
Maire GEOGHEGAN-QUINN
Membru tal-Kummissjoni*

¹⁰ ERC-GPC 1311/10: L-Ipprogrammar Konġunt fir-riċerka għall-2008 sal-2010 u lil hinn minn dan il-perjodu – Rapport tat-12 ta' Novembru 2010 tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Ipprogrammar Konġunt lill-Kunsill – l-Anness II.